

Nota ta' Informazzjoni dwar Indikaturi ta' Frodi għall-FEŻR, il-FSE u l-FK

Dan huwa Dokument ta' Ħidma mħejji mis-servizzi tal-Kummissjoni. Fuq il-bażi tal-liġi Komunitarja applikabbli, huwa jipprovdi informazzjoni teknika għall-attenzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi, professjonisti, benefiċjarji jew benefiċjarji potenzjali, u entitajiet oħra involuti fil-monitoraġġ, il-kontroll jew l-implimentazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni dwar kif għandhom jiġu interpretati u applikati r-regoli tal-Komunità f'dan il-qasam. L-għan tad-dokument ta' ħidma huwa li jipprovdi l-ispjegazzjonijiet u l-interpretazzjonijiet tas-servizzi tal-Kummissjoni dwar ir-regoli msemmija biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-programmi operattivi u mħeġġa prassi tajba. Madankollu, din in-nota ta' informazzjoni hija bla ħsara għall-interpretazzjoni tal-liġijiet nazzjonali, għall-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti tal-Prim Istanza jew għall-prassi f'evoluzzjoni tat-teħid ta' deċiżjonijiet mill-Kummissjoni.

WERREJ

1. INTRODUEZZJONI	3
1.1. SFOND.....	3
1.2. STRATEĠIJA TA' PREVENZJONI TA' FRODI KONĠUNTA.....	4
2. DEFINIZZJONIJIET	5
2.1. DEFINIZZJONI TA' IRREGOLARITÀ.....	5
2.2. DEFINIZZJONI TA' FRODI FIT-TRATTAT.....	6
2.3. TIPI TA' FRODI	6
3. IR-RAĠUNIJIET GĦALL-FRODI	7
4. RESPONSABILITAJIET GĦALL-PREVENZJONI U L-QBID TA' FRODI.....	8
4.1. AWTORITAJIET TA' ĠESTJONI U ĊERTIFIKAZZJONI ("IT-TMEXXIJA").....	8
4.2. L-AWTORITAJIET TA' VERIFIKA (U ENTITAJIET TA' VERIFIKA OĦRAJN LI QED JAGĦMLU XOGĦOL TA' VERIFIKA)	9
5. RAKKOMANDEZZJONIJIET GĦALL-UŻU TA' DIN IN-NOTA TA' TAGĦRIF.....	9

Anness 1	Skemi u indikaturi ta' frodi fil-kuntratti u fl-akkwist
Anness 2	Skemi u indikaturi ta' frodi fis-servizzi ta' konsultazzjoni
Anness 3	Proċedura għar-rappurtar ta' frodi lill-OLAF

1. INTRODUZZJONI

1.1. Sfond

B'konformità mal-Artikolu 274 tat-Trattat, il-Kummissjoni għandha timplimenta l-baġit fuq ir-responsabilità tagħha stess, b'konsiderazzjoni tal-prinċipji ta' tmexxija finanzjarja tajba. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw mal-Kummissjoni biex jiżguraw li l-appropriazzjonijiet jintużaw skont il-prinċipji ta' tmexxija finanzjarja tajba.

L-Artikolu 280 tat-Trattat jistipula li l-Komunità u l-Istati Membri għandhom jikkumbattu l-frodi u kwalunkwe attivitajiet illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Komunità.

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 53 b (2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej¹, l-Istati Membri huma responsabbli mill-prevenzjoni u t-trattament ta' irregolaritajiet u frodi fil-qasam tal-ġestjoni maqsuma. Skont l-arranġamenti ġuridiċi għal ġestjoni maqsuma, sabiex jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Komunità, l-Istati Membri huma prinċipalment responsabbli għat-twaqqif tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll li huma konformi mar-rekwiżiti tal-liġi Komunitarja, biex jiġi vverifikat li s-sistemi jaħdmu b'mod effettiv, permezz ta' verifiki minn entitajiet maħtura, biex jipprevjenu, jaqbd u jikkoreġu irregolaritajiet u frodi². Fil-każ ta' irregolarità jew suspett ta' frodi l-Kummissjoni trid tkun infurmata skont il-proċeduri ta' rappurtar stipulati fir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1681/94 u (KE) Nru 1831/94 li jikkonċernaw irregolaritajiet relatati mal-perjodu tal-programm 2000-2006 u skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 (l-Artikoli 27-36) għal każijiet relatati mal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013.

¹ ĠU L 248, 16.09.2001.

² L-Artikolu 70 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999, *ĠU L 210, 31.7.2006 u t-Taqsima 4 (l-Artikoli 27-36) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 li jstabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006, ĠU L 371, 27.12.2006.*

Irrispettivament minn jekk l-irregolarità hijiex (frodi) intenzjonata jew le, l-infiq affettwat irid ikun eskluż mill-kofinanzjament mill-baġit Komunitarju.

Din in-nota ta' informazzjoni tipprovdi lista ta' skemi ta' frodi u indikaturi ta' frodi relatati li jistgħu jkunu rilevanti fil-qasam tal-azzjonijiet strutturali bl-għan li titqajjem kuxjenza dwar il-frodi fl-Istati Membri ħalli s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll ikunu jistgħu jissaħħu biex jipprevjenu u jaqdbu l-frodi b'mod iktar effettiv³.

1.2. Strateġija ta' Prevenzjoni ta' Frodi Konġunta

In-nota ta' tagħrif hija waħda mill-azzjonijiet ġejjin minn inizjattiva usa' li bdiet fl-2008: Id-DĠ tal-Politika Reġjonali u d-DĠ għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaq, meħjuna minn OLAF, żviluppaw Strateġija Konġunta għall-Prevenzjoni tal-Frodi (SKPF) li tinkludi sensiela ta' azzjonijiet ta' kontra l-frodi biex jgħollu l-livell ta' kuxjenza dwar il-frodi taħt ġestjoni maqsuma u tipprovdi gwida u aktar għodod proattivi għal kontra l-frodi.

Fir-rigward tal-gwida b'mod ġenerali, mill-bidu tal-2009, l-għan huwa li jkun hemm "pakkett" disponibbli għall-awtoritajiet li jiġġestixxu l-Fondi Strutturali fl-Istati Membri, għal uffiċjali amministrattivi fil-Kummissjoni u awdituri tal-Kummissjoni u l-Istati Membri dwar bosta kwistjonijiet relatati ma' frodi.

B'mod iktar speċifiku, l-għanijiet strateġiċi tas-SKPF huma li

- tissaħħaħ l-istima tar-riskju ta' frodi;
- **tiġi introdotta gwida proattiva għall-Istati Membri biex tinqabad il-frodi;**
- jiġi pprovdut iktar appoġġ lill-awtoritajiet tal-Istati Membri għall-prevenzjoni tal-frodi u x-xogħol ta' qbid;
- jogħla l-livell ta' kuxjenza ta' frodi fid-DĠ tal-Politika Reġjonali u d-DĠ għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaq;

³ Kull sena l-Kummissjoni tippubblika rapport annwali dwar il-ġlieda kontra l-frodi fil-Komunità (eż. għall-2007: Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, Il-Ħarsien tal-Interessi Finanzjarji tal-Komunitajiet - il-Ġlieda Kontra l-Frodi - Rapport Annwali 2007 - SEC(2008)2300 u SEC(2008)2301) li jinkludi anness statistiku dwar l-irregolaritajiet, suspett ta' frodi u frodi. Fil-qasam tal-azzjonijiet strutturali fil-programm ta' programmazzjoni 2000-2006, meta rrapportaw l-irregolaritajiet lill-Kummissjoni skont ir-regolamenti ta' rrapportar fis-seħħ, l-Istati Membri indikaw li 12-15 % tal-irregolaritajiet huma "suspett ta' frodi". Fuq il-bażi ta' din l-istima, fl-2007, "suspett ta' frodi" rrapportat jaffettwa madwar 0.31 % tal-impenji. Dawn il-figuri, peress li huma preliminari, għandhom jiġu ttrattati b'attenzjoni adegwata peress li hija biss awtorità ġudizzjarja kompetenti li tista' tikkwalifika suspett ta' frodi bħala każ ta' frodi.

- jogħla l-livell ta' kuxjenza ta' frodi fl-Istati Membri.

Peress li wieħed mill-għanijiet strateġiċi tas-SKPF huwa li jipprovdi gwida iktar proattiva għall-qbid tal-frodi li min-naħa tagħha tikkontribwixxi għall-prevenzjoni tal-frodi, il-Kummissjoni elaborat din in-nota ta' informazzjoni dwar l-indikaturi ta' frodi ħalli l-Istati Membri jkunu jistgħu jżidu mal-kuxjenza tagħhom dwar l-iskemi ta' frodi u l-indikaturi ta' frodi.

L-Annessi 1 u 2 ma' din in-nota ta' tagħrif fihom inventarju ta' skemi ta' frodi komuni u rikorrenti u li huma ġeneralment magħrufa fl-oqsma tal-ikkuntrattar u tal-akkwist pubbliku, kif ukoll ħlasijiet ta' xogħol u servizz ta' konsultazzjoni, u l-indikaturi ta' frodi assoċjati⁴.

L-Anness 3 ma' din in-nota ta' tagħrif jiġbor fil-qosor il-proċeduri għar-rappurtar ta' frodi lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF).

2. DEFINIZZJONIJIET

2.1. Definizzjoni ta' irregolarità

Għall-finijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea, it-terminu irregolarità huwa kunċett wiesa' u jkopri kemm irregolaritajiet intenzjonali kif ukoll dawk mhux intenzjonali li jkunu saru minn operaturi ekonomiċi.

L-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 2988/95⁵ jiddefinixxi "**irregolarità**" bħala:

*"kull ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi tal-Komunità li jirriżulta minn att jew nuqqas ta' operatur ekonomiku, li għandu, jew li jista' jkollu, l-effett li jippreġudika l-budget ġenerali tal-Komunità jew il-budget mmexxi minnhom, jew billi jnaqqas jew jitlef id-dħul li jakkumula minn riżorsi tagħhom stess miġbura direttament għan-nom tal-Komunità, jew permezz ta' nefqa mhux ġustifikata"*⁶

⁴ Parti sinifikanti tat-tagħrif ġeja mill-gwida tal-Association of Certified Fraud Examiner (ACFE) għall-Frodi fil-Kuntratti u fix-Xiri mill-2008. Il-gwida hija bbażata fuq investigazzjonijiet ta' każijiet ta' frodi minn madwar id-dinja u skemi magħrufa ta' frodi. Ara www.acfe.com.

⁵ ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.

⁶ Għall-fini tal-Fondi Strutturali, definizzjoni addattata hija stabbilita fl-Artikolu 1a tar-Regolament (KE) Nru 1681/94: "irregolarità" tfisser kwalunkwe ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi Komunitarja li jirriżulta minn att jew ommissjoni minn operatur ekonomiku li għandu, jew li kieku jkollu, l-effett li jippreġudika l-baġit ġenerali tal-Komunitajiet billi tiġi addebitata partita mhux ġustifikata lill-baġit Komunitarju." L-istess definizzjoni hija stabbilita fl-Artikolu 2 (7) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni għall-perjodu 2007-2013.

2.2. Definizzjoni ta' frodi fit-Trattat

Il-Konvenzjoni li saret fuq il-bażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej⁷ tiddefinixxi "**frodi**", fir-rigward tal-infiq, bħala kull att jew omissjoni intenzjonali relatata ma':

- *l-użu jew il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet jew dokumenti foloz, mhux korretti jew mhux kompleti, li jkollhom bħala effett il-miżapproprjazzjoni jew iż-żamma bla dritt ta' fondi mill-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej jew mill-baġits amministrati minn, jew f'isem, il-Komunitajiet Ewropej;*
- *in-nuqqas li tingħadda informazzjoni bi ksur ta' xi obbligu speċifiku, bl-istess effett;*
- *l-użu ħażin ta' fondi bħal dawn għal finijiet għajr dawk li ngħataw għalihom oriġinarjament*

Għalhekk huwa l-komponent ta' ingann intenzjonali li jiddistingwi frodi mit-terminu iktar ġenerali ta' "irregolarità".

B'konformità mal-Artikolu 3(e) tar-Regolament (KE) Nru 1681/94, sa mill-2006 l-Istati Membri huma mitluba jidentifikaw, meta jinnotifikaw l-irregolaritajiet lill-Kummissjoni, jekk l-irregolaritajiet involvewx "**suspett ta' frodi**"⁸.

2.3. Tipi ta' frodi

Huwa rakkomandat li kwalunkwe klassifikazzjoni ta' tip ta' frodi tkun magħmula apposta għaċ-ċirkostanzi speċifiċi u l-ambjent li organizzazzjoni tkun qed taħdem fih.

L-Association of Certified Fraud Examiners (ACFE)⁹ tuża tassonomija speċifika li telenka t-tip ta' frodi li organizzazzjoni tista' tiltaqa' magħha. L-ACFE taqsam il-frodi fi tliet tipi ta' frodi differenti bħala punt ta' tluq għal organizzazzjoni biex tidentifika liema oqsma huma vulnerabbli għal frodi:

1. Manipulazzjoni intenzjonali ta' stqarrijiet finanzjarji (eż. dħul irrapportat mhux kif suppost)

⁷ *ĠUC 316, 27.11.1995, p. 49.*

⁸ L-Artikolu 1a(4) tar-Regolament (KE) Nru 1681/94 jiddefinixxi "suspett ta' frodi" bħala "irregolarità li twassal għall-bidu ta' proċedimenti amministrattivi u/jew ġudizzjarji fil-livell nazzjonali sabiex tiġi stabbilita l-preżenza ta' mġiba intenzjonali, bħal frodi". id-definizzjoni tinsab ukoll fl-Artikolu 27 (c) tar-Regolament (KE) Nru 1828/2006.

⁹ Ara "Managing the Business Risk of Fraud – A Practical Guide", l-Institute of Internal Auditors, l-American Institute of Certified Public Accountants u l-Association of Certified Fraud Examiners, 2008. <http://www.ifa-iaf.be/v1/frontEnd/libraryIfa/index.php?action=detail&id=29>.

2. Kwalunkwe tip ta' miżapproprjazzjoni ta' assi tanġibbli jew intanġibbli (eż. rimborsi ta' nefqa frodulenta)
3. Korruzzjoni (eż. tixħim, immanuvrar tal-offerti, kunflitt ta' interessi mhux żvelat, estorsjoni)

3. IR-RAĠUNIJIET GĦALL-FRODI

Hemm tliet elementi wara l-għemil ta' frodi, li jistgħu jinġabru fil-qosor fit-"trijangolu tal-frodi"¹⁰:



Opportunità: Anke jekk persuna jkollha motivazzjoni, trid tingħata l-opportunità. Sistemi ta' kontroll interni fjakki jistgħu jwasslu għal opportunità (*il-preżunzjoni li l-probabilità li l-frodi ma tingqabadx hija kbira hi xi ħaġa li min ikun beħsiebu jwettaq frodi jqisha sew*). Eżempji ta' dgħufijiet fis-sistemi ta' kontroll interni huma inadegwatezzi relatati ma':

- superviżjoni u reviżjoni;
- segregazzjoni ta' dazji;
- approvazzjoni tal-ġestjoni;
- kontrolli tas-sistema.

Frodi tista' sseħħ ukoll jekk il-kontrolli ma jkunux applikati jew jekk persuni f'pożizzjonijiet ta' awtorità joħlqu opportunitajiet biex jegħlbu l-kontrolli eżistenti.

Razzjonalizzazzjoni: Persuna tista' tiżviluppa ġustifikazzjoni għaliha nnifisha billi tirrazzjonalizza l-azzjonijiet tagħha, eż. "Huwa ġust li nagħmel hekk - ħaqqni dawn il-flejjes" jew "Għandhom jagħtuni". "Qiegħed biss nissellef il-flus - imbagħad inroddhom lura".

¹⁰ Il-kunċett tat-trijangolu tal-frodi kien ġie oriġinat mir-riċerkatur tal-frodi Dr. Donald R. Cressey. Ara "*The Handbook of Fraud Deterrence*", ta' Harry Cendrowski, James P. Martin u Louis W. Petro, 2007, p. 41.

Pressjoni finanzjarja, incensiv jew motivazzjoni: Il-fattur ta' "bżonn jew regħba". Regħba pura ħafna drabi taf tkun motivazzjoni qawwija. Pressjoni oħra tista' tiġi minn problemi finanzjarji jew vizzji personali bħal-logħob tal-azzard, dipendenza mid-droga, eċċ.

"Il-ksur tat-triangolu tal-frodi"¹¹ huwa kruċjali għall-prevenzjoni tal-frodi. Mit-tliet elementi, l-opportunità hija l-iktar affettwata direttament minn sistemi ta' kontroll interni qawwija u għalhekk huwa l-element li jista' jiġi ġestit l-iktar faċilment.

4. RESPONSABILITAJIET GĦALL-PREVENZJONI U L-QBID TA' FRODI

4.1. Awtoritajiet ta' ġestjoni u ċertifikazzjoni ("it-tmexxija")

Skont is-sistema ta' ġestjoni maqsuma tal-Fondi Strutturali, l-Istati Membri huma prinċipalment responsabbli għat-twaqqif tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll li huma konformi mar-rekwiżiti tal-liġi Komunitarja, biex jiġi vverifikat li s-sistemi jaħdmu b'mod effettiv, permezz ta' verifiki minn entitajiet maħtura, biex jipprevjenu, jaqdbu u jikkoreġu irregolaritajiet u frodi.

Filwaqt li r-responsabilità ewlenija għall-prevenzjoni tal-frodi hija f'idejn it-tmexxija, suċċess fl-iskoraġġiment tal-frodi jista' jkun riżultat ta' kumbinazzjoni tal-isforzi tat-tmexxija u tal-awdituri¹².

L-għan għandu jkun li jitnaqqas l-element ta' opportunità fit-triangolu tal-frodi.

Il-mekkaniżmu prinċipali għat-tnaqqis tal-opportunità huwa kontroll intern qawwi, li jkopri b'mod partikolari superviżjoni adegwata u reviżjoni u segregazzjoni tal-kompetenzi.

It-tmexxija għandu jkollha wkoll biżżejjed għarfien għall-identifikazzjoni tal-indikaturi ta' frodi u għandha tkun konxja mill-obbligi għar-rappurtar tal-irregolaritajiet u suspett ta' frodi skont ir-regolamenti fis-seħħ.

L-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni għall-implimentazzjoni korretta u t-tqassim tal-gwida internament dwar l-obbligi ta' rappurtar kif stipulat fir-regolamenti applikabbli¹³.

¹¹ Ara "*The Handbook of Fraud Deterrence*", ta' Harry Cendrowski, James P. Martin u Louis W. Petro, 2007, p. 41.

¹² Ara "*The Handbook of Fraud Deterrence*", ta' Harry Cendrowski, James P. Martin u Louis W. Petro, 2007, p. 29.

¹³ L-Artikolu 70 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999, (*ĠU L 210, 31.7.2006*) u t-Taqsima 4 (l-Artikoli 27-36) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 li jstabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006, (*ĠU L 371, 27.12.2006*).

4.2. L-awtoritajiet ta' verifika (u entitajiet ta' verifika oħrajn li qed jagħmlu xogħol ta' verifika)

Skont l-istandard tal-IIA 1210.A2¹⁴ l-awditur intern (u l-awditur estern) għandu jkollu biżżejjed għarfien biex jidentifika l-indikaturi ta' frodi imma ma jridx ikollu l-għarfien espert ta' persuna li r-responsabilità ewlenija tagħha tkun li tinqabad u tiġi investigata l-frodi.

Bl-eżerċizzju ta' xettiċiżmu professjonali adegwat¹⁵, l-awdituri għandhom ikunu partikolarment attenti għall-opportunitajiet ta' frodi, bħal dgħufijiet ta' kontroll fis-sistemi ta' kontroll u ġestjoni. Meta rilevanti, b'mod partikolari jekk l-ambjent ta' ġestjoni u kontroll jistgħu jitqiesu friskju għoli, l-awdituri huma rakkomandati li jagħmlu mistoqsijiet lill-awtoritajiet ta' ġestjoni dwar fehmiethom dwar ir-riskju ta' frodi sabiex jiġu ttestjati l-miżuri ta' kontra l-frodi li qegħdin fis-seħħ.

L-awtoritajiet ta' verifika jivverifikaw, bħala parti kemm tal-verifiki tas-sistemi ta' ġestjoni u kemm tal-verifiki ta' kontroll, li l-mekkaniżmi fis-seħħ għall-prevenzjoni tal-frodi huma adegwati u effettivi.

L-awtoritajiet ta' verifika jista' jkollhom bżonn ikunu attenti fir-rigward tal-frodi b'mod partikolari fir-rigward tal-proċeduri għall-frodi fl-għotjiet u l-akkwist pubbliku u tal-kuntratti (fid-diskussjoni, tfassil u l-għemil tal-verifika, l-awditur jista' jqis il-qasam tal-akkwist bħala b'espożizzjoni għolja għar-riskji ta' frodi)¹⁶.

5. RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦALL-UŻU TA' DIN IN-NOTA TA' TAGĦRIF

Huwa rakkomandat li l-Istati Membri:

1. Jieħdu nota ta' din in-nota ta' tagħrif għall-finijiet ta' qawmien ta' kuxjenza u jiżguraw it-tqassim wiesa' tagħha mal-entitajiet kollha li jġestixxu l-fondi strutturali.
2. Jużaw it-tagħrif ipprovdut dwar l-iskemi ta' frodi fl-*Anness 1* u l-*Anness 2*, fuq bażi tal-aħjar prassi, sabiex jiġu aġġornati l-proċeduri marbuta mal-kontrolli fuq il-pretensjonijiet ta' ħlas mill-benefiċjarji aħħarin u l-approvazzjoni tagħhom. Dan jista' jsir billi eż. tiġi inkluża referenza għal din in-nota fil-listi ta' kontroll, u/jew kwalunkwe mill-iskemi ta' frodi

¹⁴ L-Istitut tal-Awdituri Interni, *International Standards for the Professional Practice of Internal Auditing*

¹⁵ Standard internazzjonali għall-verifika 240: "*Ir-responsabilità tal-awditur biex iqis il-frodi f'verifika ta' stqarrijiet finanzjarji*". L-istess standard jagħraf ukoll li "r-riskju li ma tinqabadx stqarrija falza materjali li tirriżulta minn frodi huwa ogħla mir-riskju li ma tinqabadx stqarrija falza materjali li tirriżulta minn żball, għax frodi tista' tinvolvi skemi sofistikati u organizzati b'reqqa maħsuba biex jaħbuha, bħal falsifikazzjoni, azzjoni intenzjonata ta' nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' tranżazzjonijiet, jew miżrapprezentazzjonijiet intenzjonali..."

¹⁶ Ara l-Abbozz ta' Nota ta' Prattika dwar l-Espożizzjoni mal-Istandard Internazzjonali dwar il-Verifika 240 li ttiprovdi gwida addizzjonali dwar kwistjonijiet tas-settur pubbliku, il-punt 3.

elenkati, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet li fihom il-valutazzjoni tar-riskju tista' tindika riskju għoli ta' frodi.

3. Jiżguraw kuxjenza¹⁷ dwar il-proċeduri ta' rappurtar ta' frodi, eż. il-websajts tal-entitajiet ta' ġestjoni u l-entitajiet intermedji jistgħu jinkludu tagħrif ta' dan it-tip (ara proċeduri ta' rappurtar ta' frodi fl-*Annex 3*).
4. Jiżguraw li l-verifiki tal-ġestjoni jitwettqu b'mod adegwat peress li dawn il-verifiki huma għodda importanti għall-iskoraġġiment u l-qbid ta' frodi. Qiegħda ssir referenza għan-nota ta' gwida "*Dokument ta' gwida dwar il-verifiki tal-ġestjoni li jridu jitwettqu mill-Istati Membri dwar operazzjonijiet kofinanzjati mill-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007 - 2013*"¹⁸.
5. Jużaw kontroverifiki tat-tagħrif, inklużi verifiki tat-tagħrif ma' parti terza jekk hemm suspetti ta' frodi. Pereżempju, il-veraċità ta' fattura dubjuża ppreżentata minn benefiċjarju finali tista' tkun ivverifikata mal-fornitur tas-servizz stess, jekk hemm bżonn billi jiġu eżaminati ż-żamma tal-kotba u r-reġistri tal-fornitur tas-servizz fuq il-post.

Annex 1

¹⁷ Il-parti l-kbira tal-investigazzjonijiet dwar każijiet ta' frodi joriġinaw minn informazzjonijiet u rapporti li jaslu. Il-free-phones huma strumentali f'dan ir-rigward.

¹⁸ Verżjoni finali ta' 05/06/2008, dokument COCOF 08/0020/04.

FRODI FIL-KUNTRATTI U FL-AKKWIST PUBBLIKU

Skemi ta' frodi komuni u rikorrenti u l-indikaturi rilevanti tagħhom (il-bnadar ħomor)

Dan l-anness jelenka sittax-il skema ta' frodi komuni u rikorrenti flimkien ma' deskrizzjoni tal-iskema u l-indikaturi ta' frodi rilevanti fil-qasam tal-kuntratti u l-akkwist pubbliku.

Din il-lista ta' skemi rikonoxxuti b'mod ġenerali mhix waħda eżawrjenti.

Dan l-anness juża ħafna mill-istruttura u l-kontenuti li l-ACFE¹⁹ tapplika fl-istruzzjoni tagħha għall-professionisti fil-qasam tal-prevenzjoni u l-kxif tal-frodi.

1. Korruzzjoni - tixħim u tanġenti

Deskrizzjoni tal-iskema:

Tixħim u tanġenti jirreferu għall-għoti jew l-ilqugħ ta' xi "ħaġa ta' valur" biex jiġi influwenzat att uffiċjali jew deċiżjoni ta' negozju.

Pagamenti korrotti

Il-ħaġa ta' "valur" mhux bilfors tkun flus u fil-fatt ħafna drabi ma tkunx (l-ambigwiàtibqa' u l-awtur jista' aktar faċilment joħloq skużi jekk ikun hemm bżonn). Kwalunkwe benefiċċju tanġibbli li jingħata jew li jiġi riċevut bil-għan li, fi sfond ta' korruzzjoni, jiġi influwenzat il-benefiċjarju jista' jkun tixħim. "Affarijiet ta' valur" speċifiku li ġew mogħtija u riċevuti bħala tixħim jinkludu pereżempju: rigali li l-valur tagħhom jeċċedi l-limiti stabbiliti minn organizzazzjonijiet/kumpaniji, "self" sew jekk jitħallas lura kif ukoll jekk ma jitħallasx, l-użu ta' kards ta' kreditu, flus żejda fil-każ tax-xiri (eż. pagament ta' EUR 500 000 għal appartament li jiswa EUR 200 000), l-użu ħieles ta' appartament, jew kera skontata, użu ħieles ta' karożza tal-kiri, ħlasijiet fi flus kontanti, ħlas permezz ta' ċekk jew trasferiment bankarju ta' "drittijiet jew kummissjonijiet" foloz, li tkun ta' spiss il-perċentwali miftiehma tal-kuntratt miksub, u mħallsa permezz ta' medjatur jew ta' *kumpanija fittizja*²⁰ imwaqqfa mill-benefiċjarju u interess moħbi tal-kuntrattur jew bejjieġħ korrott fi proprjetà. L-affarijiet ta' valur spiss jingħataw fl-ordni ta' din il-lista. Dan għaliex il-partijiet, fil-bidu, jistgħu ma jkunux ċerti dwar l-

¹⁹ Association of Certified Fraud Examiners, www.acfe.com. B'mod aktar speċifiku, l-istruttura u l-kontenuti huma mfasla fuq it-taħriġ għall-Esperti ta' Kontra l-Frodi "Contract and Procurement Fraud (Frodi fil-Kuntratti u fl-Akkwist)".

²⁰ Kumpanija fittizja hija waħda li teżisti, iżda li fil-fatt ma tagħmel ebda negozju jew m'għandha l-ebda assi.

intenzjonijiet tal-oħrajn u dak li jħallas it-tixħima jista' ma jkunx kapaċi jiflaħ għal iktar pagamenti sostanzjali sakemm jingħata l-kuntratt.

Wara l-għoti tal-kuntratt, il-biċċa l-kbira tat-tixħim titħallas fil-forma ta' tanġenti, li jfisser li l-kuntrattur iħallas jew "jagħti lura" l-perċentwali miftiehma ta' kull fattura ta' hłas li jirċievi. B'kull mod li t-tixħim jiġi mħallas, il-prezzijiet huma normalment minfuħa jew il-kwalità tal-oġġetti u s-servizzi titnaqqas, u dan isir sabiex tiġi koperta l-ispiża tal-hłasijiet.

Pagamenti korrotti jiffaċilitaw bosta tipi oħra ta' frodi, bħal fatturi foloz, infig li fir-realtà ma jkunx jeżisti jew in-nuqqas li jintlaħqu l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt.

Influenza Korrotta

Influenza korrotta fil-qasam tal-kuntratti u tal-akkwist hija ta' spiss riflessa bħala: selezzjoni mhux xierqa bħal akkwist mhux ġustifikat ta' sors uniku (jista' jkun hemm għotjiet multipli taħt il-limitu għal xiri pubbliku), prezzijiet għolja mhux ġustifikati, kwantità eċċessiva ta' xiri, aċċettazzjoni ta' kwalità baxxa u dewmien fil-kunsinna jew in-nuqqas tagħha²¹.

Indikaturi ta' frodi:

L-aktar indikatur komuni ta' tixħim u tanġenti huwa trattament favorevoli inspjegabbli ta' kuntrattur minn impjegat kontraenti fuq perjodu ta' żmien.

Bnadar oħra ħomor:

- soċjalizzazzjoni mill-qrib bejn impjegat kontraenti u l-fornitur ta' servizz jew prodott;
- żieda mhux spjegabbli jew għall-għarrieda tar-rikkezza tal-impjegat kontraenti;
- l-impjegat kontraenti jkollu negozju barrani li ma jkunx żvelat;
- il-kuntrattur ikollu r-reputazzjoni fl-industrija ta' wieħed li jħallas it-tanġenti;
- bidliet frekwenti jew mhux dokumentati fil-kuntratti li jżidu l-valur tal-kuntratt;
- l-impjegat kontraenti jirrifjuta l-promozzjoni għal pożizzjoni li ma tkunx marbuta mal-akkwist;
- l-impjegat kontraenti jonqos milli jiffajlja jew ilesti d-dikjarazzjoni tal-kunflitt ta' interess.

2. Kunflitt ta' interess mhux żvelat

²¹ Ta' spiss dawn huma msejħa fil-qosor bħala l-fatturi "SPQQD": Għażla impropja, Prezz għoli, Kwantità eċċessiva, Kwalità baxxa, Kunsinna mdewma jew li ma seħħet qatt.

Deskrizzjoni tal-iskema:

Sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess tista' sseħħ jekk impjegat tal-organizzazzjoni kontraenti għandu interess finanzjarju mhux żvelat f'kuntratt jew f'kuntrattur. Kunflitt ta' interess potenzjali jista' jkun immuni minn proċeduri legali jekk ikun żvelat b'mod sħiħ u approvat fil-ħin minn min jimpjega. Impjegat jista' pereżempju jkollu segretament pussess fuq il-ħidma tal-fornitur jew tal-kuntrattur, jista' jwaqqaf kumpanija fittizja li permezz tagħha hu/hi jixtri/tixtri provvisti bi prezz minfuħ jew ikollu/ikollha interess mhux żvelat fil-bejgħ ta' proprjetà jew kirjiet.

Indikaturi ta' frodi:

- favoritiżmu inspjegabbli jew mhux tas-soltu ta' kuntrattur partikolari jew bejjiegħ;
- l-aċċettazzjoni kontinwa ta' prezzijiet għolja, xogħol ta' kwalità baxxa, eċċ;
- l-impjegat kontraenti jonqos milli jiffajlja jew ilesti d-dikjarazzjoni tal-kunflitt ta' interess;
- l-impjegat kontraenti jirrifjuta l-promozzjoni għal pożizzjoni li ma tkunx marbuta max-xiri;
- l-impjegat kontraenti jkun jidher li qed imexxi negozju ieħor.

3. Offerti kollużivi Deskrizzjoni tal-iskema:

Kuntratturi f'żona ġeografika jew reġjun partikolari jew industrija jistgħu jiftiehmu flimkien biex ixejnu l-kompetizzjoni u jgħollu l-prezzijiet permezz ta' skemi varji ta' offerti kollużivi.

Offerti kumplimentari

Offerti kumplimentari, magħrufa wkoll bħala offerti "dellija" (shadow bids), huma maħsuba biss biex joffru l-apparenza ta' offerti ġenwini u mhux biex jiżguraw l-aċċettazzjoni tax-xerrej.

Appaltaturi li jikkooperaw jiftiehmu li jissottomettu offerti bi prezzijiet oġhla jew deliberatament mhux responsivi u dan jagħmluh biex jippermettu l-għażla tal-kuntrattur favorit bi prezz mkabbar. Il-kuntrattur rebbieħ jaqsam perċentwali tal-profitti tiegħu mal-offerenti telliefa, iqabbadhom bħala subkuntratturi, jew jippermettilhom li jirbħu kuntratti oħra bi prezz għoli. Offerti kumplimentari jistgħu wkoll jiġu sottomessi minn kumpaniji fittizji jew minn ditti affiljati.

Trażżin tal-offerta

Biex jirnexxu l-iskemi ta' offerti mbaġħsa, l-għadd ta' offerenti għandu jkun limitat u għandhom ikunu kollha jaqblu mal-kospirazzjoni. Jekk xi offerent ġdid (l-hekk imsejjaħ "dive") jew xi wieħed li ma jikkooperax jidħol fil-kompetizzjoni, l-inflazzjoni tal-prezzijiet issir apparenti. Biex dan jiġi evitat, il-kospiraturi jistgħu jħallsu kumpaniji barranin biex ma jitfgħux l-offerta jew jużaw mezzi aktar qawwija biex tiġi skoraġġita

l-parteċipazzjoni tagħhom. Il-kospiraturi jistgħu wkoll iġiegħlu lill-fornituri u lis-subkuntratturi biex ma jittrattawx ma' kumpaniji li ma jikkooperawx fil-protezzjoni tal-monopolju tagħhom.

Ir-rotazzjoni tal-offerta

Il-kospiraturi jissottomettu l-offerti kumplimentari jew jastjenu milli jagħmlu offeriti sabiex jippermettu lil kull offerent biex l-offerta tiegħu tkun l-iktar waħda baxxa u dan iseħħ fuq bażi rotanti. Ir-rotazzjoni tista' tkun ibbażata fuq iż-żona ġeografika - kuntrattur wieħed tat-toroq jieħu l-ħidma kollha ta' reġjun wieħed, kumpanija oħra fir-reġjun li jkun imiss - jew skont it-tip ta' xogħol, jew bil-ħin, eċċ.

Diviżjoni tas-suq

Il-kumpaniji li jikkooperaw jistgħu jaqsmu s-swieq jew il-linji ta' prodotti u jaqblu li ma jikkompetux fil-qasam ta' xulxin, jew li jagħmlu dan permezz ta' miżuri ta' kollużjoni, bħas-sottomissjoni biss ta' offeriti komplementari. Xi drabi l-impjegati jistgħu jkunu involuti fi skemi ta' offeriti kollużivi - kultant b'interess finanzjarju fl-impriżi li jkunu qiegħdin "jikkompetu" ma' xulxin - u jirċievu sehem mill-prezzijiet imkabbrin.

Indikaturi ta' frodi:

- l-offerta rebbieħa tkun għolja wisq meta mqabbla mal-estimi tal-ispiża, mal-listi tal-prezzijiet, ma' xogħlijiet jew servizzi simili jew mal-prezzijiet medji tal-industrija u l-prezzijiet ġusti tas-suq;
- prezzijiet għoljin b'mod persistenti mill-offerenti kollha;
- il-prezzijiet tal-offerta jaqgħu meta offerent ġdid jidħol fil-kompetizzjoni;
- rotazzjoni tal-offerenti rebbieħa skont ir-reġjun, l-impjeg, it-tip ta' xogħol;
- l-offerenti li jutilfu l-kompetizzjoni jsibu ruħhom imqabbla bħala subkuntratturi;
- mudelli strambi ta' offeriti (eż. l-offerti jkollhom l-istess differenza perċentwali, l-offerta rebbieħa tkun preċiżament taħt il-limitu tal-prezzijiet aċċettabbli, eżattament fil-prezz tal-baġit, għolja wisq, wisq qrib, 'il bogħod wisq, bin-numri l-iktar viċin, tkun waħda kompluta, eċċ);
- konnessjonijiet apparenti bejn l-offerenti, pereżempju indirizzi komuni, persunal, numri tat-telefown, eċċ;
- il-kuntrattur jinkludi subkuntratturi fl-offerta tiegħu li jkunu qed jikkompetu għall-kuntratt ewlieni;
- kuntratturi kwalifikati jonqsu milli jagħmlu l-offerta u jsiru subkuntratturi jew l-offerent li jkollu offerta baxxa jirtira u jsir subkuntrattur;

- ċerti kumpaniji dejjem jitfgħu l-offerti kontra xulxin, filwaqt li oħrajn dan ma jagħmluh qatt;
- l-offerenti telliefa ma jkunux jinstabu fuq l-Internet, fuq id-direttorji tan-negozju, ma għandhom l-ebda indirizz eċċ (fi kliem ieħor ikunu fittizji);
- korrispondenza jew indikazzjonijiet oħra li l-kuntratturi jaqsmu bejniethom informazzjoni dwar il-prezz, jaqsmu t-territorji, jew inkella jidħlu fi ftehim informali;
- offerenti kollużivi nstabu fis-setturi li ġejjin u dan hu wkoll rilevanti għall-fondi strutturali: pavimentar bl-asfalt, bini, tħammil, tagħmir elettriku, bini ta' bjuż, rimi ta' skart.

4. Offerti żbilanċjati

Deskrizzjoni tal-iskema:

F'din l-iskema ta' frodi, il-persunal kontraenti jipprovdi lill-offerent b'informazzjoni utli minn ġewwa li ma tkunx disponibbli għall-offerenti l-oħra, pereżempju, li xi wieħed jew xi diversi oġġetti ppreżentati f'talba għall-offerta ma jkunux ser jiġu użati fil-kuntratt (xi oġġetti ppreżentati jistgħu wkoll ikunu vagi jew ambizzjużi apposta u l-offerent favorit jingħata l-istruzzjonijiet ta' kif għandu jirrispondi). Din l-informazzjoni tippermetti lid-ditta vantaġġjata biex tissottometti prezz irħas mill-offerenti l-oħra, billi tagħti prezz baxx ħafna fuq l-oġġett ippreżentat li ma jkunx inkluż fil-kuntratt finali. L-offerta żbilanċjata hija waħda mill-iskemi l-iktar effettivi ta' tbaġħbis tal-offerti billi l-manipulazzjoni mhijiex daqshekk evidenti bħal fi skemi oħra popolari, bħal sors waħdieni mhux ġustifikat għax-xiri.

Indikaturi ta' frodi:

- offerenti partikolari ta' oġġetti ppreżentati jidhru li jkunu baxxi b'mod irrazzjonali;
- il-bidliet huma maħruġa malajr wara l-għotjiet tal-kuntratti li jitħassru jew jimmodifikaw ir-rekwiżiti tal-oġġett ippreżentat;
- l-oġġetti ppreżentati għall-offerti huma differenti mill-kuntratt attwali;
- l-offerent ikun qrib il-persunal tax-xiri jew ikun ipparteċipa fit-tfassil tal-ispeċifikazzjonijiet.

5. Speċifikazzjonijiet imbagħbsa

Deskrizzjoni tal-iskema:

Talbiet għall-offerti jew proposti jista' jkun fihom speċifikazzjonijiet li huma mfasla biex jissodisfaw il-kwalifiki ta' offerent partikolari, jew li offerent wieħed biss jista' jissodisfhom. Dan huwa partikolarment komuni fl-IT u kuntratti tekniċi oħra.

Speċifikazzjonijiet li huma dojq wisq jistgħu jintużaw biex jeskludu offerenti kwalifikati oħra, jew biex jiġġustifikaw akkwisti minn sors uniku u b'hekk tiġi evitata l-kompetizzjoni b'mod ġenerali.

Mudell ta' speċifikazzjonijiet mbaġħsa li jiffavorixxu lil xi kuntrattur partikolari jissuġġerixxi l-korruzzjoni

Indikaturi ta' frodi:

- offerent wieħed jew numru żgħir iwieġbu għat-talba għall-offerti;
- xebh bejn l-ispeċifikazzjonijiet u l-prodott jew is-servizzi tal-kuntrattur rebbieħ;
- ilmenti minn offerenti oħra;
- l-ispeċifikazzjonijiet ikunu sinifikament aktar dojq jew usa' minn talbiet preċedenti simili għall-offerti;
- speċifikazzjonijiet mhux tas-soltu jew mhux raġonevoli;
- numru għoli ta' premjijiet kompetittivi lil fornitur wieħed;
- soċjalizzazzjoni jew kuntatti personali bejn il-persunal kontraenti u l-offerenti matul il-proċess tal-offerti;
- ix-xerrej jiddefinixxi l-oġġett permezz tal-isem tad-ditta u mhux permezz tad-deskrizzjoni ġenerika tiegħu.

6. Kxif tad-dejta tal-offerta

Deskrizzjoni tal-iskema:

Persunal kontraenti, persunal involut fit-tfassil tal-proġett jew persunal involut fl-evalwazzjoni tal-offerta jista' jikxef l-informazzjoni kunfidenzjali bħal baġits stmati, soluzzjonijiet preferuti, jew dettalji tal-offerti li dwarhom ikunu qed jikkompetu u dan jagħmlu biex jgħin lill-offerent favorit jiffirma propożta teknika jew finanzjarja.

Indikaturi ta' frodi:

- kontrolli ħżiena fuq proċeduri ta' offerenti, pereżempju nuqqas ta' infurzar tad-dati tal-iskadenzi;
- l-offerta rebbieħa tkun propju inqas mill-offerta l-aktar baxx li jkun imiss;
- xi offerenti jinfetħu kmieni;
- l-aċċettazzjoni ta' offerenti wara l-ħin;

- l-offerent li jasal tard ikun l-offerent rebbieħ bl-offerta baxxa;
- kull offerta tkun miċħuda u l-kuntratt jingħata mill-ġdid bl-offerta;
- l-offerent rebbieħ jikkomunika privatament mal-persunal kontraenti permezz ta' email jew mod ieħor matul il-perjodu tal-offerti.

7. Manipulazzjoni ta' offerti

Deskrizzjoni tal-iskema:

Fi proċess ta' offerti kkontrollat ħażin, il-persunal kontraenti jista' jimmanipola l-offerti wara li jkunu riċevewhom biex jiżguraw li l-kuntrattur magħżul huwa dak favorit (tibdil fl-offerti, "telf" ta' offerti, kanċellazzjoni ta' offerti għal allegati żbalji fl-ispeċifikazzjonijiet, eċċ)

Indikaturi ta' frodi:

- ilmenti minn offerenti oħra;
- kontrolli ħżiena u proċeduri ta' offerti inadegwati;
- indikazzjonijiet ta' bidliet għall-offerti wara li jkun ġew riċevuti;
- offerti kkanċellati minħabba żbalji;
- offerent kwalifikat jiġi skwalifikat għal raġunijiet dubjużi;
- xogħol mhux offrut mill-ġdid għalkemm ikunu ġew riċevuti offerti inqas mill-għadd minimu.

8. Premjijiet mhux iġġustifikati għal sors waħdieni

Deskrizzjoni tal-iskema:

Din l-iskema ta' spiss tirriżulta mill-korruzzjoni, b'mod partikolari jekk il-mudell ikun ripetut u dubjuż.

Għotjiet bħal dawn jistgħu jsiru bil-qsim tax-xiri biex jiġu evitati limiti tal-offerti kompetittivi, bil-falsifikazzjoni tal-uniku sors ta' xiri ġustifikat, bl-abbozzar ta' speċifikazzjonijiet dojoq ħafna, bl-estensjoni ta' kuntratti mogħtija qabel iktar milli terġa' ssir l-offerta.

Indikaturi ta' frodi:

- sors uniku jippremja lil dawk li l-offerta tagħhom tkun 'il fuq jew eżatt taħt il-limiti tal-offerti kompetittivi;
- akkwisti li qabel ikunu kompetittivi jsiru mhux kompetittivi;

- tqassim tax-xiri biex jiġi evitat il-limitu tal-offerta kompetittiva;
- it-talba għall-offerta tiġi impustata lil wieħed biss mill-fornituri tas-servizz.

9. Qsim tax-xiri

Deskrizzjoni tal-iskema:

Il-persunal kontraenti jista' jaqşam ix-xiri f'żewġ ordnijiet jew aktar ta' xiri jew kuntratti sabiex tiġi evitata l-kompetizzjoni jew ir-reviżjoni ta' livell ogħla ta' mmaniġġjar. Pereżempju, jekk il-limitu huwa ta' EUR 250 000, ix-xiri ta' prodotti u servizzi għal EUR 275 000 jista' jiġi maqsum f'żewġ kuntratti - wieħed għal oġġetti ta' EUR 150 000 u l-ieħor għal EUR 125 000 - sabiex ikunu evitati l-offerti.

Il-qsim tax-xiri (ħafna drabi msejjaħ "salami slicing") jista' jindika korruzzjoni jew skemi oħra minn persuna li tħaddem involuta fix-xiri.

Indikaturi ta' frodi:

- żewġ akkwiżiti jew aktar konsekuttivi u relatati magħmula mill-istess kuntrattur eżatt taħt il-limiti ta' reviżjoni tal-offerta kompetittiva jew ftit ogħla.
- separazzjoni mhux ġustifikata ta' xiri, pereżempju kuntratti separati għal xogħol u materjal, kull wieħed minnhom taħt il-limiti tal-offerti;
- xiri sekwenzjali eżatt taħt il-limiti.

10. Taħlit ta' kuntratti

Deskrizzjoni tal-iskema:

Kuntrattur b'ordnijiet multipli ta' xogħol simili jista' jitlob l-istess ħlas għall-persunal, miżati jew spejjeż għal diversi ordnijiet, u b'hekk jirriżulta ħruġ ta' fatturi żejda

Indikaturi ta' frodi:

- fatturi simili ppreżentati taħt impjiegi jew kuntratti differenti;
- il-kuntrattur joħroġ fatturi għal aktar minn biċċa xogħol waħda għall-istess perjodu ta' żmien.

11. Ħlas ħażin għall-ispejjeż

Deskrizzjoni tal-iskema:

Il-kuntrattur jista' jikkommetti frodi billi intenzjonalment jitlob il-ħas għal spejjeż li mhumiex raġonevoli jew permissibbli, jew li ma jistgħux jiġu allokat, direttament jew indirettament, għal kuntratt. L-ispejjeż tax-xogħol huma aktar suxxettibbli għal ħlas ħażin minn spejjeż ta' materjal għaliex ix-xogħol tal-ħaddiem jista' fit-teorija jiġi addebitat lil kwalunkwe kuntratt.

L-ispejjeż tax-xogħol jistgħu jiġu manipolati mill-ħolqien ta' skedi tal-ħin fittizji, tibdil ta' skedi tal-ħin jew dokumentazzjoni ta' sostenn jew sempliċiment fatturazzjoni għall-ispejjeż minfuħa tax-xogħol mingħajr dokumentazzjoni ta' sostenn.

Indikaturi ta' frodi:

- spejjeż eċċessivi jew mhux tas-soltu tax-xogħol;
- ħlasijiet tax-xogħol inkonsistenti mal-progress tal-kuntratt;
- tibdil apparenti għall-iskedi tal-ħin;
- ma jkunux jistgħu jinstabu l-iskedi tax-xogħol;
- l-istess spejjeż materjali jkunu ċċarġjati lil aktar minn kuntratt wieħed;
- l-ispejjeż indiretti jiġu imposti bħala spejjeż diretti.

12. Ipprezzar difettuż

Deskrizzjoni tal-iskema:

L-ipprezzar difettuż iseħħ fil-kuntratti jekk il-kuntratturi jonqsu milli jiżvelaw id-dejta kurrenti, kompluta u preċiża tal-ispejjeż jew tal-ipprezzar fil-proposti tagħhom tal-prezzijiet li dan imbagħad iwassal għal żieda fil-prezz tal-kuntratt.

Indikaturi ta' frodi:

- il-kuntrattur jirrofta, idewwem jew ma jkunx jista' jipprovdi dokumenti ta' sostenn għall-ispejjeż;
- il-kuntrattur jipprovdi dokumentazzjoni inadegwata jew mhux kompluta;
- l-informazzjoni dwar l-ipprezzar tkun waħda skaduta;
- il-prezzijiet ikunu apparentament għoljin meta mqabbla ma' kuntratti simili, listi ta' prezzijiet jew prezzijiet medji tal-industrija;

13. Ma jintlaħqux l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt

Deskrizzjoni tal-iskema:

Il-kuntratturi li jonqsu milli jilhq u l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt u mbagħad konxjament jgħidu b'gideb li jkunu laħquhom, ikunu qed jikkommettu frodi.

Eżempji ta' skemi bħal dawn jinkludu l-użu ta' materjal mhux ta' standard għall-bini, partijiet ta' kwalità inferjuri, nuqqas ta' twaqqif tas-sisien meħtieġa fil-proġetti tat-toroq eċċ. L-għan, naturalment, huwa dak li jiżdiedu l-profitti mill-qtugħ tal-ispejjeż jew li jiġu evitati penali marbuta mal-iskadenzi eċċ. Ħafna skemi bħal dawn huma diffiċli biex jinstabu mingħajr spezzjonijiet jew testijiet mill-qrib minn esperti indipendenti fis-suġġett. Madankollu dawk li jwettqu l-frodi jistgħu jfittxu li jixtru lill-ispetturi.

Indikaturi ta' frodi:

- diskrepanza bejn ir-riżultati tat-test u tal-spezzjoni u t-talbiet tal-kuntratt u l-ispeċifikazzjonijiet;
- nuqqas ta' dokument jew ċertifikati tat-test tal-ispezzjoni;
- kwalità baxxa, prestazzjoni fqira u numru kbir ta' lmenti;
- indikazzjonijiet mid-dokumentazzjonijiet tal-ispiża tal-kuntrattur li dan pereżempju ma xtarax il-materjal meħtieġ għax-xogħlijiet, mhuwiex fil-pussess u lanqas qatt ma kera tagħmir meħtieġa għax-xogħol jew ma jkollux il-ħaddiema meħtieġa fuq il-post (NB: din it-tip ta' verifika tista' tkun ta' valur).

14. Fatturi foloz, minfuħa jew duplikati

Deskrizzjoni tal-iskema:

Il-kuntrattur jista' konxjament jibgħat fatturi foloz, minfuħa jew duplikati, u dan jista' jagħmlu waħdu jew f'kollużjoni mal-persunal kontraenti bħala riżultat ta' korruzzjoni.

Indikaturi ta' frodi:

- oġġetti jew servizzi fatturati ma jkunux jistgħu jinstabu fl-inventarju jew ma jkunx hemm spjegazzjoni għalihom;
- l-ebda rikonoxximent għall-wasla tal-oġġetti jew servizzi fatturati;
- nuqqas ta' ordni ta' xiri jew ordni ta' xiri dubjuża għall-oġġetti jew servizzi fatturati;
- dokumentazzjoni tal-kuntrattur li ma tirriflettix li sar ix-xogħol jew li l-ispejjeż meħtieġa ġew sostnuti;
- prezzijiet tal-fattura, ammonti, deskrizzjonijiet tal-oġġetti jew termini jeċċedu jew ma jaqblux mal-oġġetti tal-kuntratt, mal-ordni tax-xiri, mad-dokumentazzjoni riċevuta, mal-inventarju jew mad-dokumentazzjoni tal-użu.
- fatturi multipli bl-istess ammont, numru tal-fattura, data eċċ;

- nuqqas ta' sottokuntratturi;
- ħlas in kontanti;
- ħlasijiet lil kumpaniji off-shore.

15. Provvedituri ta' servizzi li ma jeżistux

Deskrizzjoni tal-iskema:

a) L-impjegat jista' jawtorizza l-pagamenti lil bejjiegħ fittizju sabiex jisraq mill-fondi. L-iskema hija aktar komuni fejn hemm nuqqas ta' segregazzjoni tad-dmirijiet bejn rekwiżizzjoni, riċeviment u ħlas.

b) Il-kuntratturi jistgħu jwaqqfu kumpaniji fantażmi li jissottomettu offerti komplementari fl-iskemi ta' offerti kollużivi, biex jonfħu l-ispejjeż jew sempliċiment biex jiġġeneraw fatturi fittizji.

L-esperjenza wriet li dawk li jwettqu frodi għandhom tendenza li jużaw l-ismijiet ta' kumpaniji li huma simili għall-ismijiet ta' kumpaniji reali.

Indikaturi ta' frodi:

- fornitur tas-servizz li ma jistax jinstab fl-ebda direttorju, fuq l-Internet, fil-Google u fl-ebda magna tat-tiftix oħra eċċ;
- l-indirizz tal-fornituri tas-servizz ma jkunx jista' jinstab;
- il-fornitur tas-servizz iniżżel l-indirizz żbaljat tat-triq jew numru tat-telefon żbaljat;
- l-użu ta' kumpanija off-shore.

16. Sostituzzjoni tal-prodotti

Deskrizzjoni tal-iskema:

Sostituzzjoni tal-prodott tirreferi għas-sostituzzjoni, mingħajr l-għarfien tax-xerrej, ta' oġġetti ta' kwalità inferjuri għal dawk li huma speċifikati fil-kuntratt. Fl-aġar każijiet, is-sostituzzjoni tal-prodott tista' tkun ta' theddida għall-ħajja, eż. nuqqasijiet fl-infrastruttura jew bini. Is-sostituzzjoni hija partikolarment attraenti fis-sejħa għal kuntratti għal materjal ta' grad għoli li jiswa ħafna li jista' jiġi sostitwit bi prodotti li jidhru simili u li huma ħafna inqas għaljin. Is-sostituzzjoni ta' spiss tinvolvi partijiet komponenti li ma jkunux faċli li jiġu mikxufa. Jistgħu jiġu maħluqa kampjuni apposta li mbagħad jiġu ppreżentati għall-ispezzjoni sabiex iqarrqu.

Indikaturi ta' frodi:

- ippakkjar mhux tas-soltu jew ġeneriku: kuluri, ippakkjar jew disinn differenti min-norma;

- diskrepanza bejn id-dehra mistennija u d-dehra attwali;
- in-numri tal-identifikazzjoni tal-prodott ikunu differenti min-numri ppubblikati jew katalogati jew min-numri tas-sistema;
- numru ta' testijiet jew ta' fallimenti fl-operat li jkun 'il fuq mill-medja, sostituzzjonijiet bikrin, jew spejjeż għolja ta' manutenzjoni jew tiswija;
- ċertifikati ta' konformità ffirmati minn persuna mhux kwalifikata jew mhux awtentikata;
- differenza sinifikanti bejn l-ispejjeż stmati u dawk effettivi għall-materjal;
- il-kuntrattur ikun qiegħed lura skont l-iskeda taż-żmien imma mbagħad jirkupra dan iż-żmien f'daqqa;
- numri tas-serje mhux tas-soltu jew meqruda; in-numri tas-serje ma jkunux konsistenti ma' sistema ta' numerazzjoni leġittima tal-manifattur;
- il-fattura jew in-numri jew id-deskrizzjonijiet tal-inventarju tal-oġġetti ma jkunux jaqblu mat-termini tal-ordni tax-xiri.

SPEJJEŻ TAX-XOGĦOL U SERVIZZI TA' KONSULENZA KONTRA L-FRODI
**Skemi ta' frodi komuni u rikorrenti u l-indikaturi rilevanti ta' frodi (il-bnadar
ħomor)**

Dan l-anness jelenka sittax-il skema ta' frodi komuni u rikorrenti flimkien ma' deskrizzjoni tal-iskema u l-indikaturi ta' frodi rilevanti fil-qasam tas-servizzi ta' konsulenza.

Il-kontroll l-aktar importanti fis-sistema tal-kontabilità tax-xogħol huwa l-impjegat individwali u l-aċċettazzjoni tiegħu tar-responsabbiltà tad-dokumentazzjoni tal-ħin preċiż li jkun ħadem.

Din il-lista ta' skemi rikonoxxuti b'mod ġenerali mhix waħda eżawrjenti:

1. L-Ispiża tax-xogħol magħmula

Deskrizzjoni tal-iskema:

Mingħajr ebda verifika esterna indipendenti jew fiżika, ix-xogħol isir vulnerabbli ħafna għal manipulazzjoni. Il-promutur jista' konxjament jagħmel talba diretta jew indiretta għal xogħol falz. Il-kwistjoni kruċjali hija jekk il-ħin tal-impjegat huwiex attribwit sew għall-proġett li effettivament ikun ħadem fuqu. (L-ebda dokumentazzjoni ta' xi parti terza ma tkun teżisti bħal fatturi, ordnijiet ta' xiri, eċċ, biex isostni l-ispejjeż tax-xogħol).

Indikaturi ta' frodi:

- xejriet distintivi fit-talba għall-ħlas;
- bidliet sinifikanti u għall-għarrieda fil-ħlas;
- tnaqqis fit-tariffi għal proġetti/kuntratti fl-eċċess jew viċin il-limiti;
- perċentwali sproporzjonata ta' impjegati li jkunu qed jitolbu ħlas indirett;
- numru kbir ta' impjegati klassifikati mill-ġdid minn diretti għal indiretti jew viċi versa;
- l-istess impjegati jkunu qiegħdin jiġu kontinwament ikklassifikati mill-ġdid minn diretti għal indiretti jew viċi versa;
- kontrolli interni tax-xogħol dgħajfa fuq ħlasijiet tax-xogħol, bħal skedi tal-ħin iffirmati bil-quddiem, skedi tal-ħin iffirmati mill-kontrollur, skedi tal-ħin iffirmati bil-lapes jew skedi tal-ħin iffirmati fl-aħħar tal-perjodu tal-paga;
- is-sigħat u l-euro effettivi jkunu b'mod konsistenti fl-ammonti bbaġitjati jew qrib tagħhom;
- l-użu ta' annotazzjonijiet perjodiċi ta' aġġustament biex jaqilbu l-ispejjeż bejn il-kuntratti, l-R&D, il-ħidma kummerċjali;

- żidiet jew tnaqqis sinifikanti fil-ħlas għal kontijiet sensitivi;
- il-ħin tal-impjegat ikun imħallas b'mod differenti mill-ispejjeż tal-ivjaġġar assoċjat.

2. Sahra mhux kumpensata

Deskrizzjoni tal-iskema:

Il-promutur jista' konxjament jiddikjara sahra falza fejn normalment ma jingħata l-ebda kreditu informali għal sigħat żejda, bħal ħin frank addizzjonali. Il-kwistjoni kruċjali hija jekk il-ħin tal-impjegat huwiex attribwit sew għall-proġett li effettivament ikun ħadem fuq. L-ebda dokumentazzjoni ta' xi parti terza ma tkun teżisti.

Indikaturi ta' frodi:

- staff professjonali mitlub li jaħdem ammont sinifikanti ta' sahra mhux imħallsa fuq varjetà ta' proġetti kemm diretti u indiretti;
- impjegati bis-salarju li jitolbu biss il-ħlas għal sigħat maħduma regolari matul kull ġurnata għal perjodu estiż;
- mudell ta' sahra mingħajr ħlas immexxija mill-maniġment bil-bonus tal-impjegat ibbażat fuq is-sigħat maħduma żejda;
- kuntratti/proġetti ta' eċċess maħduma biss fuq sigħat mhux imħallsa.

3. Servizz ta' konsulenza/professjonali

Deskrizzjoni tal-iskema (ibbażata fuq każ reali):

Is-servizzi kienu appoġġjati b'mod xieraq bi ftehimiet dettaljati ta' konsultazzjoni, fatturi u rapporti. Is-suġġetti koperti kienu rilevanti għall-operazzjonijiet tal-kuntrattur u pprovdew rakkomandazzjonijiet xierqa għat-titjib tal-effiċjenza ta' ċerti operazzjonijiet. Il-kuntrattur implimenta l-maġġoranza tar-rakkomandazzjonijiet. Il-ftehim applikabbli kien fih il-livell meħtieġ ta' dettall u l-ħlasijiet kienu kkunsidrati bħala raġonevoli.

Madankollu, għal xi kumpaniji b'kuntratt, is-servizzi tagħhom ma kienux preċedentement użati. Il-ftehimiet ma kienux speċifiċi fir-rigward ta' liema servizzi l-kumpaniji kellhom jipprovdu; madankollu, huma taw dettalji ta' min kellu jwettaq is-servizzi u r-rata fis-siegħa involuta. Is-sommarji dwar kull individwu ma kienux disponibbli. Il-ħlasijiet kienu oġhla għal dawn il-kumpaniji l-ġodda. Ir-rappreżentant tal-kumpanija ma setgħax jispjega l-miżati oġhla jew l-ispeċifiċitajiet ta' liema servizzi kienu se jiġu pprovduti.

Barra minn hekk, il-fatturi ta' dawn il-kumpaniji għal servizzi mogħtija kienu vagi fid-deskrizzjoni tagħhom tas-servizzi u kienu jirreferu biss għall-ftehim. L-ispiża kienet ta' somma f'daqqa, mingħajr ebda analiżi ta' sigħat, ta' rata fis-siegħa, ta' spejjeż ta' vjaġġar jew ta' spejjeż oħra. L-ebda rapport ta' vjaġġar jew rapporti fil-qosor oħra ma kienu disponibbli. Ma kien disponibbli l-ebda tagħrif addizzjonali dwar dawn il-kumpaniji; il-

promotur ma kienx f'pożizzjoni li jipprovdi xi ħaġa oħra għajr assigurarazzjonijiet verbali tas-servizzi pprovduti.

Fl-aħħar nett, il-fatturi wrew kaxxa postali bħala l-indirizz postali u l-ebda lista ta' dawn il-kumpaniji fid-direttorju tat-telefon.

Indikaturi ta' frodi:

- l-ebda ftehim formali jew kuntratti ma ġew iffirmati; madankollu, somom kbar imħallsa għal "servizzi mogħtija" bbażati fuq il-fatturi bi ftit speċifitàjiet;
- jeżistu ftehimiet formali jew kuntratti imma dawn huma vagi fir-rigward ta' servizzi li għandhom jingħataw, u ma jeżisti l-ebda appoġġ ieħor dokumentat, bħal fatturi dettaljati, rapporti ta' vjaġġi jew studji, biex jiġġustifika l-ispejjeż;
- is-servizzi mħallsa ntużaw b'mod mhux xieraq biex jiksbu, iqassmu jew jużaw informazzjoni jew dejta protetta bil-liġi jew bir-regolament;
- is-servizzi mħallsa kienu maħsuba biex jinfluwenzaw il-kontenut ta' solleċitazzjoni, l-evalwazzjoni ta' proposta jew kwotazzjoni, l-għażla tas-sorsi għall-għoti tal-kuntratt jew l-innegozjar tal-kuntratt, il-modifika jew it-talba. Mhux importanti jekk l-għoti seħħx mill-kuntrattur ewlieni jew minn xi sottokuntrattur ta' taħtu;
- is-servizzi mħallsa kienu miksuba jew magħmula b'mod li kisru l-istatut jew ir-regolament li jipprojbixxi l-prattiċi ħżiena ta' negozju jew kunflitti ta' interess;

4. Kategoriji ta' xogħol

Deskrizzjoni tal-Iskema (bbażata fuq każ reali):

Proposta ta' kuntrattur għal tiġdid ta' kuntratt ta' żmien u materjal (Ż&M), li kien ġie mogħti fuq bażi annwali għall-aħħar sentejn, indikat li r-rati inkorsi fis-sieġha kienu sinifikattivament aktar baxxi mir-rati proposti, ħlief għall-kategorija amministrattiva. Il-proposta oriġinali kellha forza kompleta ta' xogħol abbord meta l-kuntratt kien oriġinarjament tqiegħed għall-offerta. Wara li ġie mogħti l-kuntratt, il-kuntrattur daħħal/uża impjegati fuq salarji iktar baxxi minn dawk proposti. Il-kwalifiki ta' xi wħud mill-impjegati ġodda mikrija kienu inqas minn dawk meħtieġa skont it-talba għall-proposta. Il-kuntrattur qiegħed ħafna impjegati ġodda mikrija fil-kategoriji tax-xogħol, li għalihom ma kinux jikkwalifikaw.

Indikaturi ta' frodi

- differenzi sinifikanti bejn l-ispejjeż unitarji proposti u attwali jew kwantitajiet mingħajr bidliet korrispondenti fl-ambitu tax-xogħol jew rekwiżiti tax-xogħol;
- fatturazzjoni skont il-ħidma konsistenti mal-livell massimu stabbilit fil-kuntratt. L-eċċezzjoni tkun jekk il-kuntratt/l-ordni tax-xogħol jispeċifika kemm sigħat hemm fir-rigward tal-kont;

- individwi speċifiċi li jkunu proposti bħala "impjegati importanti" ma jkunux qed jaħdmu fuq il-kuntratt;
- ix-xogħol propost ma jkunx ibbażat fuq il-forza tax-xogħol eżistenti. Ikun meħtieġ li jiddaħħlu ħafna impjegati ġodda. Rati ta' impjegar ta' ħaddiema ġodda ferm aktar baxxi minn dawk proposti;
- ħiliet tal-impjegati ma jkunux jaqblu mal-ħtiġiet ta' ħiliet kif speċifikati għall-kategorija tax-xogħol tagħhom jew il-ħtiġiet tal-kuntratt;
- impjegati tipikament akkużati b'mod indirett mill-kumpanija li tkun qed tiġi akkużata b'mod dirett fir-rigward tal-kuntratt;
- ikun mitlub kont għall-ħin tal-imsieħba, tal-uffiċjali, tal-kontrolluri u ta' impjegati oħra li ma jkunx konformi mat-termini kuntrattwali jew mal-politika ta' kontabilità stabbilita u l-proċeduri tal-kumpanija.

PROĊEDURA GĦALL-IRAPPURTAĠĠ TA' FRODI LILL-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI (OLAF)

Awtoritajiet tal-immanniġġjar jew awtorità oħra nnominata għal rapport dwar l-irregolaritajiet u frodi lill-OLAF:

Rapportar kull tliet xhur skont ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1681/94 u (KE) Nru 1831/94 għall-każijiet relatati mal-perjodu ta' programmar 2000-2006 u b'mod konformi mar-Regolament (KE) Nru 1828/2006 (l-Artikoli 27-36) għall-każijiet relatati mal-perjodu ta' programmar 2007-2013.

Istruzzjonijiet speċifiċi lill-awtoritajiet ta' 'verifika'²²:

Awditur iwettaq verifika biex jikseb assigurazzjoni raġonevoli li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll jiffunzjonaw b'mod effettiv biex b'hekk l-ispiża ċertifikata tkun waħda legali u regolari. L-awdituri mhux mistennija li jkollhom l-għarfien espert ta' persuna li r-responsabilità primarja tagħha hi li tikxef u tinvestiga l-frodi. Madankollu, meta jikseb assigurazzjoni raġonevoli, l-awditur għandu jżomm attitudni ta' xettiċiżmu professjonali²³ matul il-verifika. Jekk matul il-valutazzjoni tar-riskju, l-ippjanar tal-verifika jew tas-sistema u t-testijiet sostantivi, l-awditur jikkonkludi li ċ-ċirkostanzi jindikaw l-eżistenza possibbli ta' frodi, hu jew hi jeħtieġ li tkun taf kif tittratta s-suspett ta' frodi u kif tirraporta dan.

Il-suspett ta' frodi ma jiġix ikkomunikat lill-entità suġġetta għall-verifika kkonċernata (sabiex jiġi żgurat li l-evidenza ta' frodi tkun ippreservata).

L-awdituri għandhom jinformat lill-awtorità tal-ġestjoni jew awtorità oħra maħtura biex tirraporta l-irregolaritajiet lill-OLAF tal-frodi suspetti (sakemm il-frodi allegata ma tirrigwardax l-Awtorità Amministrattiva nnifisha jew xi korp ieħor responsabbli maħtur) sabiex tkun tista' tiegħu kwalunkwe passi meħtieġa u miżuri protettivi sabiex tissalvagwardja l-interessi finanzjarji tal-Komunità, inkluż il-koordinazzjoni ma' korpi nazzjonali kompetenti fil-frodi/irregolaritajiet.

Istruzzjonijiet ġenerali għaċ-ċittadini tal-UE:

Kulħadd jista' jinforma lill-OLAF dwar suspetti ta' frodi jew korruzzjoni li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea. Ir-regola ġenerali hi: aktar mal-informazzjoni

²² Id-DĠ għall-Politika Reġjonali u d-DĠ għall-Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Opportunitajiet Indaqgħab stabbilew il-proċeduri interni tagħhom stess ta' rapportar tal-frodi għal awdituri u staff tagħhom.

²³ ISA 240 – Ir-responsabbiltà tal-awditur li jikkunsidra l-frodi fil-verifika tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji tiddefinixxi x-xettiċiżmu professjonali bħala "attitudni li tinkludi attitudni mentali lesta li tagħmel domandi fuq kollox u evalwazzjoni kritika tal-evidenza tal-verifika". (IFAC, "Handbook of International Auditing, Assurance, and Ethics Pronouncements")

tintbagħat kmieni u iktar ma tkun waħda konkoreta, aktar aħjar. Kwalunkwe dokument disponibbli li jsostni l-informazzjoni, għandu jiġi pprovdut ukoll.

F'dan il-qafas rwol ewlieni jista' jkollu n-Netwerk tal-Komunikaturi ta' Kontra l-Frodi tal-OLAF (OAFCN) (*), li jinkludi l-Kelliem tal-OLAF, il-kelliema responsabbli mir-relazzjonijiet pubbliċi u uffiċjali ta' informazzjoni fis-servizzi nazzjonali ta' investigazzjoni, li magħhom l-OLAF jikkoopera fl-Istati Membri.

(*) http://ec.europa.eu/anti_fraud/olaf-oafcn/mt.html

Jista' jsir kuntatt mal-OLAF fil-lingwi uffiċjali kollha b'dawn il-mezzi differenti:

- Permezz ta' ittra lil: European Commission, European Anti-Fraud Office (OLAF), Investigations+Operations, B-1049 Brussels, Belgium

- Permezz ta' email lil: OLAF-COURRIER@ec.europa.eu

- Permezz tal-freephone (<http://ec.europa.eu/anti-fraud>)

Id-dettalji kollha ta' kuntatt: http://ec.europa.eu/anti_fraud/contact_us/index_mt.html